

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-432/11, *Makhlouf vs Il-Kunsill* ⁽¹⁾.

⁽¹⁾ ĠU C 290, p. 13.

Rikors ippreżentat fil-20 ta' Awwissu 2014 – Hewlett Packard Development Company vs UASI (FORTIFY)

(Kawża T-628/14)

(2014/C 361/39)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Hewlett Packard Development Company LP (Dallas, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: T. Raab u H. Lauf, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tat-2 ta' Ġunju 2014, adottata fil-Każ R 249/2014-2.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali "FORTIFY" għall-prodotti fil-klassi 9 – applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja Nru 11 771 037

Deċiżjoni tal-eżaminatur: applikazzjoni għal trade mark Komunitarja miċħuda fl-intier tagħha

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) u (2) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja

_Rikors ippreżentat fil-21 ta' Awwissu 2014 – Jaguar Land Rover vs UASI (Forma ta' karozza)

(Kawża T-629/14)

(2014/C 361/40)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Jaguar Land Rover Ltd (Coventry, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: F. Delord u R. Grewal, Solicitors)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-24 ta' April 2014 fil-Każ R 1622/2013-2.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark tridimensjonali li tirrappreżenta forma ta' karozza għal prodotti fil-klassijiet 12, 14, u 28 – applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 11 388 411

Deċiżjoni tal-eżaminatur: applikazzjoni għal reġistrazzjoni għal trade mark Komunitarja parzjalment miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell parzjalment miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja.

Rikors ippreżentat fl-20 ta' Awwissu 2014 – Primo Valore vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-630/14)

(2014/C 361/41)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrent: Primo Valore (Ruma, l-Italja) (rappreżentant: M. Moretto, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tikkonstata li billi naqset milli tressaq għall-vot tal-kumitat regolatorju, skont il-proċedura prevista mill-Artikolu 5a (1) sa (4) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, proġett ta' miżuri intiż li jeżamina mill-ġdid il-punt 2 tal-Anness V tar-Regolament Nru 999/2001 ⁽¹⁾ u li jipprovdi kull materjal riskjuż speċifikat li ġej minn Stat Membru għandu jiġi mneħħi u distrutt anki jekk l-imsemmi Stat Membru ġie rrikonoxxut bħala pajjiż li għandu riskju negliġibbli ta' Enċefalopatija Sponġiformi Bovina (BSE), il-Kummissjoni naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont ir-Regolamenti Nru 999/2001 u 178/2002 ⁽²⁾ u ma osservatx il-prinċipji ġenerali ta' nondiskriminazzjoni u ta' proporzjonalità;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq l-obbligu ta' azzjoni li huwa impost fuq il-Kummissjoni, skont l-aħħar sentenza tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 999/2001, moqri flimkien mal-Artikolu 5(1) u (3) tiegħu, u l-Artikolu 5(2) tar-Regolament 5(2) tar-Regolament Nru 178/2002 kif ukoll it-tieni sentenza tal-Artikolu 7(2) tal-istess regolament u l-Artikoli 23 u 24 tar-Regolament Nru 999/2001.
 - F'dan ir-rigward, qed jiġi sostnut li skont id-dispożizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq, il-Kummissjoni għandha l-obbligu li teżamina mill-ġdid id-deroga provviżorja stabbilita fil-punt 2 tal-Anness V tar-Regolament Nru 999/2001 u li tissottometti lill-kumitat regolatorju, skont il-proċedura prevista mill-Artikolu 5a tad-Deiżjoni 1999/468/KE, proġett ta' miżuri ta' emendi tal-imsemmi Anness V. Dan bil-għan li tiġi ggarantita l-osservanza tal-istandards sanitarji internazzjonali adottati mill-Uffiċċju Internazzjonali tal-Mard Epiżootiku (UIE), li ma jipprevedux l-istabbiliment ta' lista ta' materjali riskjużi speċifikati għall-pajjiżi li, bħall-Italja, huma rrikonoxxuti bħala pajjiż li għandu riskju negliġibbli, jiġifieri bħal pajjiżi li għandhom livell ta' riskju iktar baxx fil-klassifikazzjoni internazzjonali adottata mill-Uffiċċju Internazzjonali tal-Mard Epiżootiku.
2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq l-obbligu ta' azzjoni li huwa impost fuq il-Kummissjoni skont il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, tat-tieni sentenza tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 178/2002 kif ukoll tal-Artikoli 23 u 24 tar-Regolament Nru 999/2001.
 - F'dan ir-rigward, qed jiġi sostnut li skont l-imsemmi prinċipju u d-dispożizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq, peress li l-Uffiċċju Internazzjonali tal-Mard Epiżootiku irrikonoxxa f'Mejju tal-2008, f'Mejju 2011, f'Mejju 2012 u f'Mejju 2013 li ċerti Stati Membri, fosthom l-Italja, setgħu jiġu kklassifikati bħala pajjiżi li għandhom riskju negliġibbli ta' enċefalopatija sponġiformi bovina (ESB), il-Kummissjoni għandha obbligu li tadatta l-leġiżlazzjoni fid-dawl ta' informazzjoni ġdida u li teżamina mill-ġdid id-deroga skont il-punt 2 tal-Anness V tar-regolament bil-għan li tigarantixxi l-osservanza tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni. Fil-fatt, l-imsemmija deroga tipprevedi, minn naħa, trattament differenti ta' sitwazzjonijiet paragonabbli, jiġifieri bejn il-produtturi ta' Stati Membri rrikonoxxuti bħala pajjiżi li għandhom riskju negliġibbli ta' enċefalopatija sponġiformi bovina u dik tal-produtturi ta' Stati Membri li ma kisbux tali rikonnoxximent.